# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis, 7 ta’ Novembru, 2024.**

**Numru 15**

**Rikors numru 433/2024/1**

**Wara d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja mogħtija fis-7 ta’ Mejju, 2024, fit-13 ta’ Mejju, 2024, fit-18 ta’ Ġunju, 2024 u fil-25 ta’ Lulju, 2024 fl-atti tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet:**

**Il-Pulizija**
**v.**

**Joseph Debrincat u Alexander Schembri**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-Kummissarju tal-Pulizija taħt l-**Artikolu 1003(2) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u l-**Artikolu 686 tal-Kodiċi Kriminali** minn erba’ deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja

(minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala l-Qorti tal-Maġistrati), fejn il-Kummissarju tal-Pulizija għal darbtejn ġie misjub ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tagħha u b'hekk ġie kkundannat iħallas żewġ multi, waħda ta' €1000 u oħra ta' €500.

**Daħla**

2. Fis-7 ta' Mejju, 2024, il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-Kummissarju tal-Pulizija ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tagħha u bħala konsegwenza waħħlitu multa ta' €1000. Dan għamlitu minħabba raġunijiet li ġew imfissra hekk:

> *«Meta ssejħet il-kawża deher is-Supretendent James Grech għall-Kummissarju tal-Pulizija.*
>
> *Deher Dr Joseph Camilleri Azarov għall-Avukat Ġenerali.*
>
> *Dehru l-imputati assistiti kolleġġalment minn Dr David Bonello.*
>
> *Inqrat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Ġenerali tat-30 ta' April 2024.*
>
> *Ix-xhud l-ex Deputat Ramon Mercieca msejjaħ diversi drabi ma deherx. Ġiet preżentata riferta fejn l-Uffiċjal Prosekutur informa lill-Qorti li x-xhud ma nstabx fir-residenza fejn jgħix u li marru fir-residenza tiegħu ġewwa l-Mellieħa u qatt ma sabuh u li għal xi raġuni partikolari minn jeddhom marru jfittxuh ġewwa gym Ta' Qali fejn apparentement jiffrekwenta. Il-Qorti fl-udjenza tal-15 ta' Frar 2024 ġiet mitluba mis-Supt James Grech u mill-avukat fl-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u mid-difensuri tal-partijiet sabiex jindirizzaw lill-Qorti mal-bank tat-tribuna fejn ġiet infurmata li l-ex Deputat Kummissarju Ramon Mercieca mhuwiex f'pożizzjoni li jattendi sabiex jixhed minħabba kwistjonijiet ta' saħħa mentali.*
>
> *Illi l-Prosekuzzjoni kienet stqarret illi dawn il-kwistjonijiet ta' saħħa mentali tant huma ta' portata fuqu li jħossu wisq vulnerabbli li jattendi u jagħti x-xhieda. Illi l-Qorti kienet għamlitha ċara mal-partijiet li kwistjonijiet mediċi bħal dawn iridu jiġu sostanzjati u ppruvati u li jekk sas-seduta li jmiss ix-xhud jevita li jattendi biex jagħti x-xhieda tiegħu għal dawn ir-raġunijiet trid*

*tiġi ppreżentata l-prova opportuna u l-Qorti kienet għamlitha ċara mal-prosekuzzjoni li għandha tara li tqassam din in-notifika lix-xhud.*

*Illi qabel ma ssejħet din il-kawża, is-Supt James Grech talab lill-Qorti sabiex tagħti differiment u ma tismax din il-kumpilazzjoni llum. Xħin il-Qorti staqsiet għal raġuni ġiet infurmata illi d-differiment kien ser jiġi mitlub għall-istess raġunijiet kif imressqa lill-Qorti fis-seduta tal-15 ta' Frar 2024.*

*A bażi ta' din l-informazzjoni l-Qorti insistiet li l-kawża għandha tinstema' u talbet li tissejjaħ.*

*Illi kif ġie verbalizzat iktar 'il fuq irriżulta li x-xhud qatt ma ġie notifikat.*

*Illi r-riferta tagħmel referenza li marret titqassam ġewwa gym Ta' Qali. Stante li din hija prassi li f'5 snin din il-Qorti tippresedi bħala Maġistrat qatt ma rat f'ħajjitha, din il-Qorti talbet lill-Prosekuzzjoni tispjega għal-liema bażi marret tqassam riferta ġewwa Gym Ta' Qali u sabiex jikkonferma jekk hux post fejn jaħdem ix-xhud jew il-post fejn jiffrekwenta.*

*Is-Supretendent ta risposti varji u stante li l-Qorti riedet tkun taf għalfejn marret titqassam ġo gym, is-Supretendent talab li jagħmel telefonata lil PC 917 li qassamha.*

*Illi lill-Qorti ġie rappurtat lilha illi PC 917 ma jafx jekk jistax ikun il-każ li x-xhud jaħdimx hemm hekk u mar hemm hekk sempliċement għax jaf li huwa post li jiffrekwenta u dan minkejja l-fatt li l-Qorti qatt ma ordnat notifika wara l-ħin legali.*

*Il-Qorti reġgħet staqsiet lill-Prosekuzzjoni jikkonferma jekk jafx jekk dan il-gym ta' Ta' Qali huwiex post tax-xogħol stante li ta indikazzoni li seta' kien u stqarr li ma jafx.*

*Il-Qorti tħossha ferm disturbata b'dak kollu li sar illum. Tqis li sar bħala mezz sabiex ix-xhud jevita li jagħti x-xhieda tiegħu. Tordna li għas-seduta li jmiss jitħarrek rappreżentant ta' JobsPlus sabiex jikkonferma jekk il-post tax-xogħol huwa Operations Manager full jew part time ġewwa dan il-gym. Tordna wkoll illi jitħarrek is-sid tal-gym sabiex jippreżenta l-iskeda tax-xogħol u sabiex jinforma lill-Qorti jekk dan ix-xhud attendiex għax-xogħol illum 7 ta' Mejju 2024 u f'dawn l-aħħar xhur.*

*Il-Qorti tikkunsidra l-aġir tal-Prosekuzzjoni bħala disprezz qawwi lejn l-Awtorità tal-Qorti kif ukoll tqis li żvijaw lill-Qorti mill-opportunità milli tagħmel xogħolha u ssib lill-Kummissarju tal-Pulizija ħati ta' disprezz u tikkundannah għal multa ta' 1000 ewro.*

*Il-Qorti tagħmilha ċara li jekk dan ix-xhud ma jiġix notifikat kif suppost fis-seduta li jmiss ser terġa' tagħti provvedimenti neċessarji sabiex tara li dan ix-xhud jiġi notifikat kif suppost u jattendi.*

*In vista tal-fatt li l-Qorti ma setgħetx tagħmel dak mitlub, qed tirrinvija l-atti lill-Avukat Ġenerali u qed tiddiferixxi l-kawża għat-18 ta' Ġunju 2024 fil-11.00hrs.*
*L-imputat notifikat fl-awla.»*

3. L-għada stess, jiġifieri fit-8 ta' Mejju, 2024, il-Kummissarju tal-Pulizija ressaq rikors sabiex il-Qorti tal-Maġistrati tħassar din il-multa. Din it-talba iżda ġiet miċħuda mill-istess Qorti tal-Maġistrati b'deċiżjoni tat-13 ta' Mejju, 2024 għaliex qalet li dak li ġie indikat fir-rikors ma kienx jirrifletti dak li seħħ fis-seduta u għaliex f'kull każ «*ma nġabux raġunijiet interpellanti* [sic!] *skont il-liġi.*»

4. Xahar wara, eżattament fit-18 ta' Ġunju, 2024, il-Qorti tal-Maġistrati reġgħet sabet lill-Kummissarju tal-Pulizija ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tagħha u din id-darba waħħlitu multa ta' €500 għal dawn ir-raġunijiet:

*«Meta ssejħet il-kawża deher is-Supt Hubert Cini għall-Prosekuzzjoni li informa lill-Qorti li qed jassumi dan il-każ.*

*Deher Dr. Etienne Savona għall-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.*

*Dehru ż-żewġ imputati assistit minn Dr. David Bonello*

*Inqrat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Ġunju 2024.*

*Deputat Kummissarju Ramon Mercieca msejjaħ diversi drabi ma deherx. Ġiet esibita riferta pożittiva. Ġew esibiti wkoll biljetti tal-ajru. Is-Supt Cini jinforma lill-Qorti li informa lix-xhud sabiex jagħmel talba għal differiment. Il-Qorti tara li ma ġie intavolat ebda rikors għal differiment. Issibu ħati ta' disprezz, tikkundannah għal ammenda ta' 50 ewro u tordna l-ħruġ ta' mandat ta' akkumpanjament fil-konfront tiegħu.*

*B'referenza għall-verbal tas-7 ta' Mejju 2024 id-digriet tal-Qorti tat-13 ta' Mejju l-Pulizija baqgħet tisfida l-ordnijiet ċari u diretti ta' din il-Qorti u ma ħarrkitx ix-xhieda mitluba in sostenn tal-mod kif il-pulizija qiegħda tiżvija lil din il-Qorti sabiex l-ex Deputat Kummissarju Ramon Mercieca jitla' jixhed. Issibu ħati ta' disprezz, tikkundannah għal multa ta' 500 ewro.*

*Illi jirriżulta li d-deputat tal-Qorti bagħtet komunika lil Jobs Plus u rappreżentant tal-Jobs Plus attenda għal din is-seduta a bażi ta' din il-komunika.*

*Xehed bil-gurament: Louis Buhagiar li esibixxa Dok LB I u LB2 (dokumenti)*

*Is-Supt Hubert Cini jikkonferma li l-ex Deputat Kummissarju Ramon Mercieca jaħdem ġewwa Ta' Qali Gym.*

*Tagħmilha ċara mal-Prosekuzzjoni li fis-seduta li jmiss għandu jara u jiġi mħarrek u jattendi s-sid tal-gym u jipprovdi l-informazzjoni hekk kif indikat fil-verbal tas-7 ta' Mejju 2024 u kif ukoll għandu jiġi eżegwit il-mandat ta' akkumpanjament.*

*Il-Qorti qed tiddiferixxi l-kawża għall-25 ta' Ġunju 2024 fil-11.00hrs.*

*L-imputati notifikati fl-awla.»*

5. Anke wara din l-okkażjoni l-Kummissarju tal-Pulizija ressaq rikors fis-26 ta' Ġunju, 2024 sabiex il-Qorti tal-Maġistrati tibdel fehemtha u tħassar din it-tieni multa. Il-Qorti tal-Maġistrati iżda ċaħdet ukoll din it-talba b'deċiżjoni mogħtija fil-25 ta' Lulju, 2024, li taqra hekk:

*«Illi l-Qorti għexet il-fatti u n-numru konsiderevoli ta' talbiet tal-Avukat Ġenerali sabiex jiġi mharrek Ramon Mercieca u kif ukoll darba kien hemm nuqqas mhux ġustifikabli sabiex ma jiġix notifikat. Kien biss meta l-Qorti sabet lill-Kummissarju tal-Pulizija ħati ta' disprezz li kien hemm ċaqliq u li xorta sar bi tfixkil. Il-Qorti lanqas ma tapprezza l-fatti ta' kif ġraw fl-awla ġew oskurati u tiċħad it-talba.»*

6. Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħid li huwa rċieva din l-aħħar deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati fit-30 ta' Lulju, 2024.

7. Jumejn wara, jiġifieri fl-1 ta' Awwissu, 2024, il-Kummissarju tal-Pulizija ressaq dan l-appell li qiegħed jiġi deċiż illum, fejn talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tħassar l-erba' deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati

fuq imsemmija li għandhom x'jaqsmu mal-kundanna taż-żewġ multi ta' €1000 u €500.

8. Fl-appell tiegħu l-Kummissarju tal-Pulizija jsostni li dawn id-deċiżjonijiet jixirqu illi jiġu mħassra minħabba żewġ raġunijiet speċifiċi: (i) fl-ewwel lok minħabba l-fatt li l-għemil attribwit lill-Kummissarju tal-Pulizija ma jaqax fit-tifsira ta' disprezz *in facie curiae* (i.e. quddiem jew fil-preżenza tal-qorti) u għalhekk il-Maġistrata li kienet qiegħda tpoġġi fil-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx issibu ħati hija stess ta' disprezz u tikkundannah għall-ħlas ta' multi iżda jekk xejn hija kellha tibgħat tgħarraf lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex jibda proċeduri ta' disprezz skont l-**Artikolu 1003A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; u (ii) fit-tieni lok li huwa ma wettaq l-ebda għemil jew omissjoni li jistgħu jitqiesu bħala imġiba ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti tal-Maġistrati.

9. Ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u r-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali wieġbu għal dan l-appell fit-22 ta' Awwissu, 2024 u qanqlu tliet preġudizzjali: (i) li r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ma kellux għalfejn jiddaħħal f'din il-proċedura minħabba li l-appell sar minn deċiżjonijiet mogħtija minn qorti mogħnija b'ġurisdizzjoni kriminali u mhux minn qorti mogħnija b'ġurisdizzjoni ċivili; (ii) li l-Kummissarju tal-Pulizija ma setax jappella minn dawn id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati għaliex skont l-**Artikolu 1003(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u**

**Proċedura Ċivili** ma hemmx appell minn deċiżjonijiet dwar disprezz ta' *in facie curiae*; u (iii) li l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija xorta ma jiswiex, anke jekk stess dan sar taħt l-**Artikolu 1003(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, peress li l-appell ma tressaqx fi żmien jumejn minn meta ngħataw id-deċiżjonijiet li minnhom sar dan l-appell. Dwar il-mertu tal-appell, iż-żewġ Reġistraturi qalu li huma m'għandhomx sottomissjonijiet x'jagħmlu u għalhekk iddikjaraw li sejrin joqogħdu għal kull deċiżjoni li din il-Qorti setgħet tieħu.

10. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fis-17 ta' Ottubru, 2024 u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata din id-deċiżjoni llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. Qabel tgħaddi biex tqis il-mertu tal-aggravji mressqa mill-Kummissarju tal-Pulizija u l-preġudizzjali dwar jekk ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili kellux ikun parti f'dan l-appell, din il-Qorti jeħtieġilha l-ewwel tiddeċiedi ż-żewġ preġudizzjali l-oħra li ġew imqajma miż-żewġ Reġistaturi appellati fir-risposta tagħhom dwar is-siwi tal-appell innifsu li ġie mressaq mill-Kummissarju tal-Pulizija. Dan għaliex jekk jirriżulta li dan l-appell ma jiswiex, hekk kif qed jgħidu ż-żewġ Reġistraturi appellati, allura l-kwistjonijiet marbuta mal-mertu tal-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija u ma' min kellu jkun parti f'dan l-appell lanqas biss ikun hemm bżonn illi jiġu mistħarrġa.

12. Naraw għalhekk x'inhuma dawn iż-żewġ preġudizzjali li r-Reġistraturi appellati ressqu kontra s-siwi tal-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija.

13. L-<u>ewwel preġudizzjali</u> għaliex ir-Reġistraturi appellati qegħdin jgħidu li l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija ma jistax jinstema' minn din il-Qorti hija minħabba li skont l-**Artikolu 1003(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma jistax isir appell minn sentenzi mogħtija taħt l-**Artikoli 990** jew **991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dawn it-tliet artikoli tal-liġi jaqraw kif ġej:

> *«**1003. (1)** Mis-sentenzi mogħtija taħt l-artikoli 990 jew 991 ma hemmx appell, u dawk is-sentenzi jistgħu jiġu eżegwiti minnufih.*
>
> *...*
>
> ***990**. F'każ ta' mġiba ħażina taħt l-aħħar artikolu qabel dan, l-imħallef jew maġistrat li lilu jmiss li jġiegħel li jinżamm il-bon-ordni waqt is-seduti bil-miftuħ tal-qorti, skont l-artikolu 988, jista' jikkundanna lill-kontravventur –*
>
> > *(a) biċ-ċanfir;*
> > *(b) bit-tkeċċija mill-qorti;*
> > *(ċ) bl-arrest għal mhux aktar minn erbgħa u għoxrin siegħa f'lok ġewwa l-edifizju fejn il-qorti toqgħod;*
> > *(d) bl-ammenda jew bil-multa msemmija fil-Kodiċi Kriminali.*
>
> *...*
>
> ***991**. L-imħallef jew maġistrat imsemmi fl-artikolu 988 jista' jikkundanna minnufih għall-piena tal-ammenda, tal-multa, jew tad-detenzjoni skont il-Kodiċi Kriminali kull min, bi kliem jew għemil mhux xieraq waqt is-seduta, jagħmel xi att ta' disprezz tal-qorti, jew jinsulta lil xi persuna oħra.»*

14. Peress li l-**Artikoli 990** jew **991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jirreferu għall-**Artikoli 988** u **990** tal-istess **Kodiċi** huwa xieraq li dawn jiġu riprodotti wkoll:

*«**988**. (1) Imiss lill-imħallfin u lill-maġistrati rispettivament li jġiegħlu li jinżamm il-bon-ordni waqt is-seduti tal-qrati li fihom joqogħdu. Il-bon-ordni ġewwa l-edifizzju tal-qrati.*

*(2) Imiss ukoll lill-imħallfin u lill-maġistrati rispettivament illi jipprovdu għall-manteniment tal-bon-ordni u tad-dekor ġewwa l-edifizzju tal-qrati li fihom joqogħdu.*

***989**. Ħadd ma jista' f'seduta tal-qorti, jagħmel esklamazzjonijiet ta' approvazzjoni jew ta' diżapprovazzjoni, jew b'xi mod ieħor ifixkel l-attenzjoni tal-qorti.»*

15. Issa għalkemm ir-Reġistraturi appellati ma elaboraw xejn fir-risposta tal-appell tagħhom dwar din il-preġudizzjali, b'danakollu din il-Qorti qiegħda tifhem li la r-Reġistraturi appellati rreferew għad-divjet tal-appell imsemmi fl-**Artikolu 1003(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, allura dawn bilfors qegħdin isostnu li d-deċiżjonijiet li ġew appellati mill-Kummissarju tal-Pulizija ngħataw mill-Qorti tal-Maġistrati taħt l-**Artikoli 990** jew **991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u minħabba f'hekk ma hemmx jedd ta' appell minnhom skont l-**Artikolu 1003(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

16. Dak li trid tistħarreġ din il-Qorti għalhekk hija jekk l-erba' deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati li ġew appellati mill-Kummissarju tal-Pulizija jaqgħux fil-kategorija tad-disprezz imsemmija fl-**Artikoli 988, 989, 990** jew **991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

17. F'dan ir-rigward tajjeb li jingħad li l-istitut tad-disprezz huwa

maħsub biex iħares il-ġieħ li għandu jinġieb lill-Qorti (ara ***Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali v. Joseph Brincat*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2009). Kull proċedura ta' disprezz għalhekk tinteressa prinċipalment lill-Qorti, li l-awtorità tagħha tkun ġiet imkażbra bl-imġiba jew bl-isfida ta' xi ħadd (ara ***Avukat Irene Bonello v. Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 1997). Fil-fatt il-parti mweġġa' f'każ ta' disprezz hija l-Qorti u mhux xi parti fil-kawża (ara ***Concetta Dimech v. Joseph Bonnici*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar, 2001).

18. Għalkemm huwa meqjus fil-ġurisprudenza tagħna li proċedimenti ta' disprezz huma ta' natura penali u mhux ċivili (ara ***Il-Pulizija v. Robert Saliba*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Ġunju, 2016 u ***Catherine Portelli v. Joseph Cachia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 1991), madankollu l-għejun legali tal-istitut tad-disprezz ġej mill-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u mhux mill-**Kodiċi Kriminali** (ara ***Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili v. Edmond Espedito Mugliette et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Diċembru, 2010). Kemm hu hekk, l-**Artikolu 686 tal-Kodiċi Kriminali** jgħid li d-dispożizzjonijiet tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** fuq il-qima li għandha tinġieb lill-qorti għandhom jgħoddu wkoll għall-qrati kriminali.

19. Tneħħi xi ftit dispożizzjonijiet speċifiċi tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** bħal ngħidu aħna dawk imsemmija fl-**Artikolu 70** dwar l-oppożizzjoni lill-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom, l-**Artikolu 290** dwar id-diżubbidjenza tal-kunsinnatarju li jippreżenta dawk il-ħwejjeġ li jiġi ordnat lilu mill-qorti, l-**Artikolu 310(1)** dwar in-nuqqas ta' koperazzjoni ta' kerrej biex issir stima ta' ġid immobbli fi proċeduri ta' rkant ġudizzjarju, l-**Artikolu 575** dwar meta xhud imħarrek regolarment jonqos milli jattendi għas-seduta tal-Qorti, l-**Artikolu 645(3)** dwar in-nuqqasijiet tal-perit ġudizzjarju u l-**Artikolu 923** dwar persuni li jitilfu l-benefiċċju tal-għajnuna legali; il-parti l-kbira tad-dispożizzjonijiet legali dwar l-istitut tad-disprezz jinsabu fit-**Titlu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** msejjaħ «***Fuq ir-Rispett Li Għandu Jinġieb lill-Qorti***.»

20. F'dan it-titlu tal-liġi nsibu għadd ta' għemejjel differenti li jikkostitwixxu forom differenti ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti. Fosthom insibu dawk li fil-liġi huma msejħa bħala *in facie curiae*. Dawn jinsabu mfissra fl-**Artikoli 989** u **991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Fil-fatt jekk wieħed iħares lejn il-ġenb ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet (i.e. fin-nota marġinali tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**), wieħed isib li l-leġislatur jiġbor dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet fil-kategorija ta' mġiba, kliem jew għemil mhux xieraq jew għal insulti *in facie curiae*.

21. Issa jekk wieħed jifli sew dawn iż-żewġ artikoli tal-liġi, li ġew riprodotti aktar kmieni, wieħed dlonk jista' jintebaħ li b'disprezz *in facie curiae*, il-leġislatur qiegħed jitkellem dwar affarijiet li jiġru waqt is-seduta stess. Fil-fatt kemm fl-**Artikolu 989** hekkda fl-**Artikolu 991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-liġi tuża l-kliem «*f'seduta tal-Qorti*» u «*waqt is-seduta.*»

22. Meta l-att tad-disprezz jiġri waqt is-seduta, allura l-Imħallef jew il-Maġistrat huwa mogħni bis-setgħa skont l-**Artikoli 990** u **991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li huwa stess jiddeċiedi jekk seħħx att ta' disprezz jew le. U f'każ li jsib li twettaq disprezz, l-Imħallef jew il-Maġistrat ikun jista' jikkundanna minnufih lil dik il-persuna misjuba ħatja ta' disprezz bil-piena tal-ammenda, tal-multa, jew tad-detenzjoni skont il-**Kodiċi Kriminali**.

23. Il-liġi tgħid fl-**Artikolu 1003(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li ma hemmx jedd ta' appell minn deċiżjonijiet dwar sejbien ta' ħtija ta' disprezz mogħtija taħt l-**Artikoli 990** u **991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dak li jkun jifdallu però r-rimedju taħt l-**Artikolu 1000 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li jekk irid jitlob lill-qorti sabiex tbiddel jew taħfer il-piena mogħtija minnha.

24. Is-sitwazzjoni hija differenti fil-każijiet l-oħra fejn id-deċiżjoni ta'

disprezz ma tingħatax taħt l-**Artikoli 990** u **991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan għaliex l-**Artikolu 1003(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jgħid li fil-każijiet l-oħra kollha, mis-sentenzi mogħtija taħt dan it-**Titolu XVII** fuq imsemmi, minn qorti, li ma tkunx il-Qorti tal-Appell jew il-Qorti Kostituzzjonali, jista' jsir appell lill-Qorti tal-Appell fi żmien jumejn minn dakinhar tas-sentenza.

25. Dak li jħoll u jorbot għalhekk biex wieħed jara jekk hemmx jedd ta' appell quddiem din il-Qorti tal-Appell minn deċiżjoni ta' disprezz mogħtija taħt it-**Titlu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** huwa li wieħed jivverifika jekk id-deċiżjoni appellata dwar is-sejbien ta' ħtija ta' disprezz ingħatatx taħt l-**Artikoli 990** u **991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jew le.

26. Kif rajna aktar kmieni disprezz *in facie curiae* huwa soġġett għall-pieni msemmija fl-**Artikoli 990** u **991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u għalhekk deċiżjonijiet bħal dawn mhumiex appellabli quddiem din il-Qorti. Ikun hemm disprezz *in facie curiae*: (i) jekk xi ħadd f'seduta jagħmel esklamazzjonijiet ta' approvazzjoni jew ta' diżapprovazzjoni, jew b'xi mod ieħor ifixkel l-attenzjoni tal-qorti (**Artikolu 989**); jew (ii) jekk xi ħadd jgħid kliem jew iwettaq għemil mhux xieraq waqt is-seduta jew jinsulta lil xi persuna oħra (**Artikolu 991**).

27. Minbarra dawn il-forom ta' disprezz *in facie curiae* hemm sitwazzjonijiet oħra fejn il-liġi tgħid li għemil huwa suġġett għall-pieni msemmija fl-**Artikoli 990** u/jew **991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Insibu bħala eżempju l-**Artikolu 996 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** meta xi ħadd quddiem l-Imħallef jew il-Maġistrat juri mġiba ħażina kontra avukat, prokuratur legali jew uffiċjal ieħor filwaqt tal-qadi ta' dmirijietu.

28. B'żieda ma' dawn, ir-**regolament 26 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09)** u **r-regolament 3 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (Kodiċi Kriminali) (Leġislazzjoni Sussidjarja 9.11)** jipprovdu lista sħiħa ta' għemejjel li jekk isiru minn xi ħadd quddiem il-Qorti jistgħu jiġu kkundannati dak il-ħin stess mill-Qorti u jkunu suġġetti għall-pieni msemmija fl-**Artikolu 990 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Fost dawn l-għemejjel wieħed isib dawn li ġejjin: (i) min bla permess jesponi għall-bejgħ jew ibiegħ kull xorta ta' ikel jew ħwejjeġ oħra fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja; (ii) min ipejjep; (iii) min jitkellem jgħajjat fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja b'mod li jiddisturba s-seduti tal-Qrati; (iv) min iħalli kull mekkaniżmu li jċempel ta' mowbajl jew telefon ċellulari jew ta' xi apparat ieħor simili mixgħul f'awla waqt seduta ta' qorti jew tribunal; (v) min bla permess iġib fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja xi tifel jew tifla taħt it-tlettax-il sena, ħlief meta dawk it-tfal ikunu msejħa bħala xhieda, jew meta

l-qorti jew tribunal ikun tal-fehma li l-preżenza ta' dawk it-tfal tkun meħtieġa f'konnessjoni ma' xi proċediment; (vi) min jidħol fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja mingħajr ma josserva l-proċeduri ta' sigurezza li jkunu fis-seħħ u li jkunu ġew stabbiliti mid-Direttur Ġenerali tal-Qrati; (vii) min bla permess, waqt is-smigħ ta' kawża f'awla jieħu, jew jipprova jieħu, ritratt fotografiku jew filmat b'kull mezz li jkun; (viii) min jieħu jew jipprova jieħu f'xi parti tal-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja ritratt fotografiku jew filmat b'kull mezz li jkun mingħajr permess; u (ix) min bla permess jieħu jew jipprova jieħu xi rekordjar tal-vuċi.

29. F'dawn il-każijiet kollha fuq imsemmija ta' disprezz *in facie curiae*, fejn il-piena tingħata minnufih mill-Qorti taħt l-**Artikoli 990** u/jew **991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, ma hemmx jedd ta' appell skont l-**Artikolu 1003(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

30. Lura għall-każ tagħna, il-Kummissarju tal-Pulizija qiegħed jargumenta li l-għemil li minħabba fih huwa nstab ħati ta' disprezz mill-Qorti tal-Maġistrati mhuwiex wieħed li seta' jiġi mmexxi minn dik il-Qorti taħt l-**Artikoli 990** u/jew **991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

31. Fil-fatt fl-ewwel aggravju tiegħu l-Kummissarju tal-Pulizija jisħaq li

l-Ewwel Qorti ma setgħetx bil-liġi taqbad u ssibu ħati ta' disprezz b'mod sommarju hija stess talli naqas milli jħarrek xhieda quddiemha, għaliex skontu għemil bħal dan ma jikkwalifikax bħala għemil *in facie curiae*. Minflok huwa jgħid li jekk il-Qorti tal-Maġistrati dehrilha li l-imġiba tiegħu talli ma ħarrikx lil Ramon Mercieca fl-ewwel okkażjoni u ma ħarrikx lir-rappreżentant tal-JobsPlus u lis-sid tal-gym ta' Ta' Qali fit-tieni okkażjoni, hija kellha bil-liġi tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex iniedi proċeduri ta' disprezz kontra tiegħu skont id-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 1003A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

32. Din il-Qorti tagħraf hawnhekk illi filwaqt li disprezz *in facie curiae* jista' jiġi ġudikat u deċiż minnufih mill-Imħallef jew mill-Maġistrat li fil-preżenza tiegħu jkun sar id-disprezz matul is-seduta, min-naħa l-oħra mhux l-istess jiġri f'każijiet ta' disprezz li ma jsirx *in facie curiae*. Dan għaliex bid-dħul fis-seħħ tal-**Artikolu 1003A** tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** b'riħet l-**Att XXIV tal-1995**, illum kull proċediment għad-disprezz li ma jkunx *in facie curiae* għandu jitnieda mir-Reġistratur bħala attur u dan wara li huwa jirċievi ordni mill-Qorti biex jinbdew proċeduri ta' disprezz. Kif tajjeb ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Reġistratur tal-Qrati Superjuri v. Anthony Manduca et nomine*** deċiża fit-28 ta' Mejju, 2002, meta l-kwistjoni tmur lil hemm minn sempliċi mġiba ħażina li tiġri fil-mument tas-seduta, allura l-kwistjoni ma tibqax tikkonċerna lil xi Qorti partikolari imma tiġi tikkonċerna l-

amministrazzjoni tal-ħaqq b'mod ġenerali. Huwa sewwasew għalhekk li l-liġi proċedurali ħasbet fi proċedura speċifika quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn permezz ta' rikors maħluf imressaq mir-Registratur tal-Qorti bħala attur jiġi mħarrek l-"*akkużat*" fil-vesti ta' konvenut sabiex iwieġeb jekk dan għandux jinstab ħati ta' disprezz lejn l-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja.

33. Id-distinzjoni bejn l-imġiba mhux xierqa li ssir *in facie curiae* u dik li ma ssirx ġiet imfissra tajjeb ħafna mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Il-Pulizija v. Meinrad Calleja*** deċiża fit-8 ta' Ġunju, 1998. Fl-ewwel każ ta' disprezz *in facie curiae*, il-liġi trid tagħti lill-ġudikant il-mezzi biex minnufih iġib għall-ordni lil min jittanta jfixkel il-kors tal-ġustizzja u dana biex tiżgura li xejn ma jimpediha milli teżerċita d-doveri tagħha b'intervent repentin u awtorevoli, filwaqt li fit-tieni każ fejn id-disprezz ikun sar barra mill-ambitu tal-proċeduri quddiemha, il-liġi tipprovdi li jiġi żgurat li min ikun akkużat li jkun ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti jingħata opportunità sħiħa li jiddefendi ruħu minn din l-akkuża.

34. Interessanti ħafna li fil-ġurisprudenza tagħna ġew meqjusa bħala atti ta' disprezz *in facie curiae*: (i) kummenti ostili jew kondotta ta' tfixkil fl-andament ġust u xieraq tal-ġudizzju (ara ***Il-Qorti v. Onor. Avv. Dr. Enrico Mizz***i deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ġunju, 1950); u (ii) xhud li jaqbad u jitlaq 'il barra waqt li jkun qed isirlu l-eżami (ara ***Il-Qorti v.***

***Pawlu Borg*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Jannar, 1944). Min-naħa l-oħra iżda, ma ġewx meqjusa bħala atti ta' disprezz *in face curiae*: (i) it-tkaxkir tas-saqajn mill-partijiet waqt il-kawża (ara ***Paul Farrugia et v. Monica Azzopardi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-13 ta' Frar, 2009); (ii) in-nuqqas ta' dehra ta' xhud li jkun ġie mħarrek regolarment u li ma jattendix għas-seduta (ara ***Il-Pulizija v. Robert Saliba*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Ġunju, 2016 u ***Liza Delia v. Ir-Reġistratur tal-Qorti Kriminali u Tribunali (Malta) et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju, 2015); (iii) l-assenza tal-prosekutur waqt il-proċeduri kriminali (ara ***Il-Pulizija v. Joseph Borg*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2010); (iv) in-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tindika l-artikoli tal-liġi fl-imputazzjonijiet (ara ***Il-Pulizija v. Husam Faiz el Lafi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2010); (v) it-tfixkil magħmul lill-uffiċjal tal-qorti fl-eżekuzzjoni ta' xi mandat tal-Qorti (ara ***Reġistratur tal-Qrati Superjuri v. Frances Bugeja*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar, 2003); u (vi) in-nuqqas ta' ħarsien ta' xi ordni tal-Qorti (ara ***Alfred Fenech v. Dr. Harry Vassallo*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru, 2006) u ***Reġistratur Tal-Qrati Superjuri v. Lygia Sive Luigia Saliba*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Mejju, 2001).

35. Fil-każ tagħna, għad li l-Qorti tal-Maġistrati ma indikatx l-artikoli tal-liġi li fuqhom sejset id-deċiżjonijiet tagħha ta' sejbien ta' disprezz, huwa

ċar li l-Qorti tal-Maġistrati dehrilha li n-nuqqas tal-Kummissarju tal-Pulizija milli jħarrek lil Ramon Mercieca għas-seduta tas-7 ta' Mejju, 2024 u n-nuqqas tal-istess Kummissarju tal-Pulizija milli jobdi l-ordni tagħha illi għas-seduta tat-18 ta' Ġunju, 2024 iħarrek lir-rappreżantant tal-JobsPlus u lis-sid tal-gym ta' Ta' Qali, kienu jikkostitwixxu att ta' disprezz *in facie curiae*. Dan hu hekk għaliex il-Qorti tal-Maġistrati mhux biss ma ordnatx lir-Reġistratur tal-Qrati biex jibda proċeduri ta' disprezz kontra l-Kummissarju tal-Pulizija skont l-**Artiklolu 1003A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni ta' Proċedura** iżda talli b'mod sommarju ddeċidiet hija stess li dawn iż-żewġ nuqqasijiet huma atti ta' disprezz u ssoktat billi waħħlet lill-Kummissarju tal-Pulizija biex iħallas piena ta' multi ta' €1000 u €500 rispettivament.

36. Il-fatt waħdu iżda li l-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet dawn iż-żewġ episodji bħala disprezz *in facie curiae* skont l-**Artikoli 990** u **991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura**, ma jfissirx b'daqshekk allura li kull min jinstab ħati ta' disprezz bit-tħaddim ta' dawn l-artikoli tal-liġi ma jistax jappella quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-**Artikolu 1003(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Parti aggravata minn deċiżjoni ta' disprezz *in facie curiae* dejjem għandha l-jedd li tappella quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-**Artikolu 1003(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** biex jiġi deċiż jekk l-att ta' disprezz misjub mill-Ewwel Qorti huwiex tabilħaqq disprezz *in facie curiae* jew le

(ara f'dan is-sens ***Il-Pulizija v. Husam Faiz el Lafi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2010).

37. Hekk għandna fil-każ tal-lum. Il-Kummissarju tal-Pulizija qiegħed jgħid fl-ewwel aggravju tiegħu li ż-żewġ disprezzi li tagħhom sabitu ħati l-Qorti tal-Maġistrati ma jikkwalifikawx bħala disprezz *in facie curiae*. Għalhekk huwa jargumenta li jekk xejn il-Qorti tal-Maġistrati kellha tipproċedi billi tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex jibda proċeduri ta' disprezz taħt l-**Artikolu 1003A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** fejn hemmhekk huwa jkun jista' jiddefendi ruħu, u mhux taqbad u ssibu ħati u tikkundannah il-Qorti tal-Maġistrati stess.

38. Bla ma tidħol tgħid jekk il-Kummissarju tal-Pulizija għandux raġun jew le f'dan l-aggravju, din il-Qorti tqis li ladarba l-Kummissarju qiegħed jikkontesta d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati li ddeċidiet iż-żewġ każijiet ta' disprezz b'mod sommarju hija stess minflok ordnat li jinbdew proċeduri mir-Reġistratur tal-Qrati, allura l-Kummissarju tal-Pulizija ma jistax jiġi mxekkel mid-divjet tal-appell imsemmi fl-**Artikolu 1003(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

39. Il-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati użat l-**Artikoli 990** u **991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura** biex ikkundannat lill-Kummissarju tal-Pulizija ma jċaħħadx b'daqshekk biss lill-istess Kummissarju milli jappella

skont l-**Artikolu 1003(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** quddiem din il-Qorti tal-Appell biex din tistħarreġ jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tinqeda bl-**Artikoli 990** u **991 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura** minflok bl-**Artikolu 1003A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

40. Il-preġudizzjali tar-Reġistraturi appellati dwar il-fatt li l-Kummissarju tal-Pulizija jinsab imxekkel milli jappella mid-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati skont l-**Artikolu 1003(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** qiegħda għalhekk tiġi miċħuda għaliex il-Kummissarju tal-Pulizija seta' jressaq appell skont l-**Artikolu 1003(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

41. Dan iġibna għat-<u>tieni preġudizzjali</u> tar-Reġistraturi appellati dwar il-fatt jekk l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija sarx fi żmien li jgħid l-**Artikolu 1003(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Skont dan l-artikolu tal-liġi, l-appell irid isir b'rikors, li għandu jiġi ppreżentat fi żmien jumejn minn dakinhar tas-sentenza.

42. Dak li rridu naraw għalhekk huwa meta l-Qorti tal-Maġistrati tat iż-żewġ sentenzi tagħha ta' disprezz. Dan hu meħtieġ li jiġi stabbilit biex minn hemm wieħed ikun jista' jara minn meta telaq it-terminu ta' jumejn imsemmi fl-**Artikolu 1003(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u**

**Proċedura Ċivili**.

43. Fil-fehma tal-Qorti it-terminu tal-appell ta' jumejn telaq mid-data ta' meta l-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-Kummissarju tal-Pulizija ħati ta' disprezz u waħħlitu l-piena tal-multa. F'dan il-każ l-ewwel deċiżjoni ngħatat fis-7 ta' Mejju, 2024 fejn il-Kummissarju tal-Pulizija weħel multa ta' €1000 u t-tieni deċiżjoni ngħatat fit-18 ta' Ġunju, 2024 fejn il-Kummissarju tal-Pulizija weħel multa ta' €500.

44. Jiġi b'hekk, li fil-każ tal-ewwel multa l-appell suppost kellu jsir fi żmien jumejn mis-7 ta' Mejju, 2024, filwaqt li fil-każ tat-tieni multa l-appell suppost kellu jsir fi żmien jumejn mit-18 ta' Ġunju, 2024.

45. Huwa veru li wara dawn iż-żewġ deċiżjonijiet tas-7 ta' Mejju, 2024 u tat-18 ta' Ġunju, 2024, il-Kummissarju tal-Pulizija ressaq żewġ rikorsi taħt l-**Artikolu 1000 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex il-Qorti tal-Maġistrati tneħħi jew taħfirlu dawn il-multi, liema żewġ rikorsi ġew it-tnejn li huma miċħuda mill-Qorti tal-Maġistrati fit-13 ta' Mejju, 2024 u fil-25 ta' Lulju, 2024. Però, imbilli ġew imressqa dawn iż-żewġ rikorsi ma jfissirx b'daqshekk li ġie sospiż jew imtawwal it-terminu ta' jumejn imsemmi fl-**Artikolu 1003(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

46. Il-liġi hija ċara li t-terminu ta’ jumejn jitlaq mid-data tas-sentenza u mhux mid-data tar-rikonsiderazzjoni tas-sentenza. Mir-rikonsiderazzjoni tal-multi ma hemm l-ebda appell skont il-liġi. Għalhekk it-terminu ta’ jumejn biex seta’ jsir din l-appell tal-lum ma jistax jitqies li telaq mid-dati tat-13 ta’ Mejju, 2024 u tal-25 ta’ Lulju, 2024 ta’ meta l-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet li ma tibdilx il-fehma li tħassar jew taħfer iż-żewġ multi li hija waħħlet lill-Kummissarju tal-Pulizija.

47. Mod ieħor bħala punt ta’ tluq għat-terminu ta’ jumejn imsemmi fl-**Artikolu 1003(2) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, wieħed kellu jieħu d-dati tas-7 ta’ Mejju, 2024 u tat-18 ta’ Ġunju, 2024 ta’ meta l-Qorti tal-Maġistrati imponiet iż-żewġ multi inkwistjoni. Jekk wieħed jieħu dawn iż-żewġ dati, wieħed fil-pront jintebaħ li l-appell li l-Kummissarju tal-Pulziija ressaq fl-1 ta’ Awwissu, 2024 huwa wieħed tard għaliex sar ħafna aktar tard minn jumejn minn meta dawn ingħataw.

48. Naturalment hawnhekk wieħed jista’ jargumenta li d-deċiżjonijiet li l-Qorti tal-Maġistrati tat fis-7 ta’ Mejju, 2024 u fit-18 ta’ Ġunju, 2024 mhumiex sentenzi skont kif hemm imsemmi fl-**Artikolu 1003(2) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. B’danakollu wieħed ma jridx jitfixkel hawnhekk bejn il-kunċett ta’ validità ta’ sentenza u l-kunċett tal-eżistenza ta’ sentenza (ara ***Gafà Saveways Limited v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta’ Ottubru, 2015).

49. Jista' jkun illi dawn iż-żewġ deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati ma jiswewx għaliex dawn ma jħarsux dak li jgħid u jrid l-**Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali** (ara b'eżempju ***Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Marzu, 2000 fejn sentenza ta' disprezz ġiet imħassra għaliex ma ġiex indikat l-artikolu tal-liġi li fuqu nstabet il-ħtija ta' disprezz); iżda b'daqshekk dan ma jfissirx li dawn iż-żewġ sentenzi ma jeżistux.

50. Tajjeb jew ħażin, iż-żewġ deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati tas-7 ta' Mejju, 2024 u tat-18 ta' Ġunju, 2024 għandhom jitqiesu bħala sentenzi għall-għanijiet tal-**Artikolu 1003(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għaliex kien dakinhar li l-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-Kummissarju tal-Pulizija ħati ta' disprezz u kkundannatu għall-ħlas tal-multa.

51. Bħala sentenzi, seta' jsir appell minnhom fi żmien jumejn minn meta ngħataw skont l-**Artikolu 1003(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, ukoll bl-aggravju li dawn ma jħarsux dak li jrid l-**Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali**.

52. Għalhekk ladarba l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-1 ta' Awwissu, 2024 miż-żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati ta' nhar is-7 ta' Mejju, 2024 u t-18 ta' Ġunju, 2024 ma sarx fi żmien jumejn minn meta

dawn ingħataw kif irid l-**Artikolu 1003(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u ladarba ż-żewġ deċiżjonijiet l-oħra tal-Qorti tal-Maġistrati tat-13 ta' Mejju, 2024 u tal-25 ta' Lulju, 2024 għar-rikonsiderazzjoni tal-imsemmija sentenzi tagħha mhumiex appellabli, dan neċessarjament ifisser li din il-Qorti tinsab imxekkla milli tistħarreġ jekk il-Kummissarju tal-Pulizija għandux raġun jew le illi jilmenta mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati fejn weħel żewġ multi ta' €1000 u €500.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tiddikjara l-appell imressaq mill-Kummissarju tal-Pulizija bħala wieħed null għaliex ma sarx fiż-żmien li trid il-liġi u għalhekk ma tqisux iktar.

L-ispejjeż tal-appell jitħallsu mill-istess Kummissarju tal-Pulizija.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti | Christian Falzon Scerri | Josette Demicoli |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb